MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 83/2012/1

**Ryan Briffa**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell tar-rikorrent Ryan Briffa minn digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta' Marzu 2013 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tiegħu li saret bir-rikors tiegħu tal-1 ta' Frar 2013.

**<u>Rikors promotorju tar-rikorrenti Ryan Briffa</u>**

2. Bir-rikors tiegħu tal-5 ta’ Diċembru 2012 ir-rikorrent Ryan Briffa talab lill-ewwel Qorti:

“1. tiddikjara li fil-konfront ta’ Ryan Briffa kien hemm ksur tal-Artikolu 6 fair trial u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni,

“2. tħassar u tannulla l-erba’ sentenzi illi ngħataw fil-15 ta’ Mejjui 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u tirrimetti l-istess atti biex jiġu deċiżi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati diversament preseduta u skont il-verbal tal-istess prosekuzzjoni illi fil-konfront ta’ Ryan Briffa riedet illi jkun applikat l-Artikolu 18 (reat kontinwat) kif ukoll tagħti kull rimedju opportun.

“3. finalment tagħti kumpens xieraq in difett għall-vjolazzjonijiet lamentati.”

**<u>Il-fatti allegati</u>**

3. In sostenn tat-talba tiegħu fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrent appellant jallega s-segwenti:

1. permezz ta’ erba’ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-15 ta’ Mejju 2012 huwa kien ġie kundannat komplessivament għal sitt snin ħabs u multa sostanzjali għal reati prinċipalment ta’ sewqan ta’ diversi vetturi mingħajr liċenzja jew għax kellu s-sentenza sospiża għallkemm kien hemm reati oħrajn konsegwenzjali jew anki indipendenti;

2. id-difiża u l-prosekuzzjoni qablu li l-akkużi li kienu qed jinġiebu kontra r-rikorrent fl-istess jum jiġu kollha trattati kontestwalment sabiex jiġi applikat il “kontinwat” iżda l-Qorti tal-Maġistrati rriteniet li l-kontinwat ma kienx jirriżulta peress li kienet intużat vettura differenti għall-kummissjoni tad-diversi reati;

3. id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ingħatat bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex interpretat u applikat

ħażin il-kunċett ta' reat kontinwat u kien jispetta lill-prosekuzzjoni li tagħżel kif tixli lir-rikorrent appellant, u kienet ukoll bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni peress li l-Qorti tal-Maġistrati tat interpretazzjoni estensiva tal-liġi penali vjetata mill-Artikolu 7 imsemmi bi preġudizzju tar-rikorrent appellant.

**Ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Dicembru 2012 għar-rikors promotorju tal-ġudizzju**

4. L-Avukat Ġenerali wieġeb għar-rikors promotorju tal-ġudizzju tal-appellant billi b'risposta tal-11 ta' Diċembru 2012 u s-sottomissjonijiet tiegħu jistgħu jiġu riassunti fil-qosor kif ġej:
1. in linea preliminari, il-Qorti kellha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha stante li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji quddiem il-Qorti kompetenti;

2. fil-mertu, ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Eworpea;

3. it-talbiet tar-rikorrent huma insostenibbli għaliex il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati fuq ammissjoni tiegħu stess wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi tal-każ skont id-dettami tal-ġustizzja fid-dawl tal-fatt li ma kienetx obbligata bil-liġi li tiddeċiedi dwar l-istess reati bħala kontinwati u għandha l-poter tikkalibra l-piena;

4. mhux minnu li l-Qorti kompetenti tat xi interpretazzjoni estensiva.

**Ir-risposta ulterjuri tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2013 għar-rikors promotorju tal-ġudizzju**

5. B'risposta oħra tal-14 ta' Jannar 2013 awtorizzata mill-ewwel Qorti l-Avukat Ġenerali wieġeb ulterjorment sostanzjalment kif ġej:
1. jekk l-għemil kienx jikkostitwixxi reat fil-mument li twettaq hija kwitjoni li tinkwadra fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni

iżda jekk l-għemil in kwistjoni jammontax għal reat kriminali jew le ma hix kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u ma tinkwadrax fl-Artikoli 7 jew 39(8) msemmija;

2. il-fatti tal-każ odjern ma jinkwadrawx fl-artikoli msemmija għaliex l-artikoli invokati mir-rikorrent jipproteġu lill-individwu milli jkun akkużat b'xi aġir li fil-mument li jkun wettqu ma jkunx jikkostitwixxi reat, li ma hux il-każ odjern peress li l-għemil in kwistjoni kien ċertament jikkostitwixxi reat meta twettaq dak l-għemil;

3. *dato ma non concesso* li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fiċ-ċirkostanza tal-każ dikjarazzjoni ta' tali ksur hija suffiċjenti.

**<u>Ir-rikors tal-appellant tal-1 ta' Frar 2013</u>**

6. Fir-rikors tiegħu tal-1 ta' Frar 2013 ir-rikorrent appellant talab lill-ewwel Qorti sabiex in vista tan-natura prettament legali tal-każ tiegħu jogħġobha tagħtih rimedju temporanju billi jitqiegħed bil-liberta` proviżorja taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa u dan biex tagħti effettiv (sic) għal dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni u biex ma tġix aggravata l-vjolazzjoni lamentata u stante illi din tkun biss sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-piena, ċertament l-iStat ma jistax jgħid illi għandu preġudizzju.

**<u>Ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Marzu għar-rikors tal-appellant tal-1 ta' Frar 2013</u>**

7. Fir-risposta tiegħu tal-20 ta' Marzu 2013 l-Avukat Ġenerali wieġeb għar-rikors imsemmi tal-1 ta' Frar 2013 billi oġġezzjona għat-talba peress li l-ewwel Qorti ma kienetx il-Qorti kompetenti sabiex tagħti l-ħelsien mill-arrest, il-ħelsien mill-arrest jingħata biss pendenti l-proċeduri kriminali u mhux wara sentenza definittiva, ir-rikorrent ma tax dettalji biżżejjed sabiex waħda mis-sentenzi invokati minnu tiġi identifikata sabiex ikun jista' jikkummenta dwarha u rigward sentenza oħra din ma kienetx tagħmel għall-każ tar-rikorrent peress li l-fattispeċi ta' dak il-każ ma kellhomx x'jaqsmu mal-fatti tal-każ tiegħu.

8. B’digriet tal-4 ta’ Frar 2013 l-ewwel Qorti ordnat li r-rikors msemmi jiġi notifikat lill-kontroparti għar-risposta u li fl-udjenza li kien imiss il-partijiet jindirizzaw ukoll il-lanjanza sollevata fir-rikors.

9. Wara s-seduta li kien imiss, dik tat-13 ta’ Marzu 2013 il-Qorti tat id-digriet appellat fil-21 ta’ Marzu 2013 li qratu fil-pubbliku fl-udjenza tal-istess data.

**Id-digriet appellat.**

10. Bid-digriet appellat tagħha tal-21 ta’ Marzu 2013 l-ewwel Qorti pprovdiet fuq ir-rikors msemmi tal-1 ta’ Frar 2013 kif ġej:
“Il-Qorti,
“Rat ir-rikors de quo;
“Rat id-digriet preċedenti tagħha;
“Rat i-risposta datata l-20 ta’ Marzu 2013;
“Semgħet lill-abbli rappreżentanti legali tal-partijiet fir-rigward;
“Għar-raġunijiet espressi fir-risposta tal-intimat fuq riferit;
“Tiċħad it-talba.“

11. Waqt is-seduta tal-21 ta’ Marzu 2013 li fiha nqara d-digriet imsemmi Dr. Brincat li deher għar-rikorrent appellant li kien prezenti għall-udjenza “għall kull buon fini” talab li jappella mid-digriet iżda l-ewwel Qorti ċaħditlu din it-talba.

**Rikors tal-appell tar-rikorrent appellant**

12. Ir-rikorrent Ryan Briffa ħassu aggravat bl-imsemmi digriet tal-21 ta’ Marzu 2013 u b’rikors tat-22 ta’ Marzu 2013 interpona appell minnu quddiem din il-Qorti u talab lil din il-Qorti “jogħġobha tirrevoka d-digriet mogħti fil-21 ta’ Marzu 2013 u minflok tilqa’ t-talba tiegħu għal rimedju pendente lite biex hekk effettivament jiġu mħarsa d-drittijiet fondamentali tiegħu lamentati fir-rikors promotur.”

13. Fil-qosor, l-aggravji tieghu huma s-segwenti: -

1. id-digrieti li jingħataw fejn jidħlu drittijiet fundamentali ma humiex milquta bil-provvedimenti tal-Kodiċi ta’

Proċedura Ċivili dwar l-appellabilita`. Id-digriet in kwistjoni ma jistax jitqies wieħed interlokutorju għaliex ma jmissx l-andament tal-kawża iżda jmiss id-dritt fondamentali u dan jaqa' taħt liġi speċjali u ċioe` l-Kap. 319 li fl-Artikolu 4(4) tiegħu jipprovdi li "kull parti fi proċedimenti miġjuba quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-Artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali" u skont l-appelllant dan jinkludi provvediment dwar rimedju temporanju u immedjat.

2. wara li spjega l-mertu tar-rikors tiegħu kostituzzjonali u r-raġunijiet għaliex huwa jirritjeni li kienu ġew miksura d-drittijiet fondamentali tiegħu mħarsa bl-Aritkoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, sostna li ċ-ċaħda għar-rimedju proviżorju hija gravi għaliex bid-dewmien taż-żmien kwalunkwe dritt illi huwa għandu li għall-inqas iħallas biss ta' dak li għamel u mhux ta' erba' darbiet dik il-mieta, huwa urġenti u rimedju mogħti tardivament huwa inutli.

**<u>Risposta tal-appell tal-intimat Avukat Generali tad-9 ta' April 2013 għar-rikors tal-appell tar-rikorrent</u>**

14. B'risposta tad-9 ta' April 2013 l-intimat Avukat Ġenerali rrisponda billi talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell u tikkonferma l-imsemmja digrieti tal-21 ta' Marzu 2013 mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellant.

15. Fir-risposta tiegħu, wara li ppuntwalizza l-fatti tal-każ fuq il-linji sostanzjalment ġia miġjuba minnu fir-risposti tiegħu għar-rikors promotorju tal-ġudizzju u ghar-rikors tal-appellant tal-1 ta' Frar 2013, l-Avukat Ġeneral għamel is-sottomissjoniejiet li ġejjin:
1. in linea preliminari, l-appell odjern hu irritu u null u dan skont l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 li stante li l-appellant ma setax jappella mid-digriet in kwistjoni qabel ma l-ewwel Qorti tippronunzja d-deċiżjoni finali dwar il-mertu tal-każ li, fi kwalunkwe każ, ma jipprezenta ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tal-appellant;

2. permezz tat-talba għal *interim measure* l-appellant kien qiegħed jintenta jikseb "rimedju" li fis-sustanza tiegħu kien jiffigura fit-talbiet tar-rikors promotorju qabel mal-ewwel Qorti tippronunzja ruħha dwar il-mertu tal-azzjoni;

3. l-appellant ma eżawrix ir-rimedju ordinarju li kien disponibbli għalih li jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li minnhom qiegħed jappella u jitlob is-sospensjoni tal-istess sentenzi konsegwenzjalment tal-piena ta' priġunerija inflitta;

4. il-fatt li r-rikorrent ma jaqbilx mar-raġunijiet għaliex l-ewwel Qorti ma kkonsidratx ir-reati in kwistjoni bħala reat wieħed kontinwat ma jammontax awtomatikament għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu peress li spetta lil dik il-Qorti tiddetermina jekk ir-reati in kwistjoni għandhomx jitqiesu reat wieħed kontinwat jew le u l-fatt li l-Qorti ddeċidiet mod ieħor milli ried ir-rikorrent bl-ebda mod ma jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu;

5. in kwantu għall-*interim measure* mitlub din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha ma hix il-Qorti kompetenti sabiex tagħti l-ħelsien mill-arrest li skont il-liġi jingħata biss pendenti proċeduri kriminali u mhux wara sentenzi definittivi kif qed jippretendi l-appellant.

**<u>Konsderazzjonijet ta' din il-Qorti</u>**

16. Il-Qorti tibda biex tgħid li kif hi impostata t-talba tal-appellant fir-rikors tiegħu tal-appell jidher li l-appellant qiegħed jappella minn digriet wieħed biss tal-21 ta' Marzu 2013 għalkemm f'dik id-data ingħataw żewġ digrieti, wieħed li bih ġiet miċħuda t-talba tal-appellant għal rimedju temporanju billi jitqiegħed bil-liberta` proviżorja u l-ieħor li bih ġiet miċħuda t-talba tal-appellant sabiex jappella mid-digriet tal-Qorti li bih ċaħditlu t-talba ghar-rimedju temporanju. Peress li fit-talba tiegħu fir-rikors tal-appell l-appellant jitlob lil din il-Qorti li wara li "tirrevoka d-digriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2013" din il-Qorti għandha "minflok tilqa' t-talba tiegħu għal rimedju pendenti lite" jidher li l-appell hu proprjament mid-digriet li bih ġiet miċħuda t-talba għall-hekk msejjaħ rimedju temporanju.

B'danakollu, in vista tan-natura partikolari tal-proċeduri kostituzzjonali, tal-fatt li kien hemm żewġ digrieti bl-istess data msemmija fit-talba fir-rikors tal-appell, tal-fatt li wieħed mill-aggravji tal-appell jindirizza proprju d-digriet tal-25 ta' Marzu 2013 li bih ġiet miċħuda t-talba tal-appellant sabiex jappella u l-applikabbilita` għalih tal-provvedimenti tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, in vista wkoll tar-rabta bejn iż-żewġ digrieti msemmija u bejn l-appell mid-digriet għal "rimedju temporanju" u d-digriet li bih ġiet miċħuda t-talba sabiex isir appell mid-digriet li ċaħad it-talba għal "rimedju temporanju" u, finalment, ukoll in vista tal-fatt li fir-risposta tiegħu għall-appell l-Avukat Ġenerali jidher li assuma li l-appell qiegħed effettivament isir miż-żewġ digrieti msemmija, tant li jibda billi jgħid li ż-żewġ digrieti għandhom jiġu konfermati, in linea preliminari jsostni li "l-appellant ma setax jappella mill-imsemmi digrieti" u fit-talba konkjużiva tiegħu jitlob li din il-Qorti "jogħġobha tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma l-imsemmija digrieti tal-21 ta' Marzu 2013", din il-Qorti ser tikkonsidra li l-appell sar miż-żewġ digrieti mogħtija fil-21 ta' Marzu 2013, kemm dak li biħ ġiet miċħuda t-talba għal "rimedju temporanju" kif ukoll dak li bih ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent sabiex jappella minn dak id-digriet.

17. L-ewwel li trid tiġi indirizzata minn din il-Qorti hija l-preġudizzjali sollevata mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu dwar l-irritwalita` u nullita` tal-appell tar-rikorrent Ryan Briffa. Ir-raġuni mogħtija mill-Avukat Ġenerali hija li l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 huwa applikabbli wkoll fiċ-ċirkostanzi ta' dan l-appell peress li l-appellant ma setax jappella mid-digrieti li minnha qed jippretendi jappella qabel ma l-ewwel Qorti tippronunzja d-deċiżjoni finali dwar il-mertu tal-każ.

18. Min-naħa tiegħu l-appellant jirribatti li d-digriet li minnu qed jappella ma hux digriet interlokutorju iżda huwa digriet ta' rimedju li jmiss id-dritt fundamentali li jaqa' taħt liġi speċjali u ċioe` l-Kap. 319 li fl-Artikolu 4(4) tiegħu jipprovdi li fi proċedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili skont l-istess artikolu kull parti jkollha dritt ta' appell quddiem din il-Qorti. L-apellant issostni li dan jinkludi provvediment dwar "rimedju temporanju u immedjat".

19. L-Artikolu 4 tal-Kap. 319 li għalih jagħmel riferenza l-appellant jipprovdi, fil-partijiet tiegħu relevanti għall-vertenza odjerna, kif ġej:

**"4.** (1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

"(2) Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan issubartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.

-- omissis –

"(4) Kull parti fi proċedimenti miġjuba quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali."

20. Is-setgħa tal-Prim' Awla, ormai stabbilita fil-prattika tal-qrati tagħna, li tagħti ordnijiet ta' natura temporanja bħal dawk mitluba mir-rikorrent jidher li hija msejjsa fuq dak dispost fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 fuq ċitat. Skont dan is-subartikolu l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa li, fir-rigward ta' kull talba magħmula minn xi persuna li tallega skont is-subartikolu (1) tal-istess artikolu li jkun qed jiġi miksur jew li x'aktarx ser jiġi miksur xi dritt fundamentali tiegħu, "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa

sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna" (sottolinear tal-Qorti).

21. Ordnijiet, atti jew direttivi bħal dawn, maħruġa mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qabel id-deċiżjoni tal-mertu tat-talba magħmula skont l-Artikolu 4(1) imsemmi, kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellant, ma jistgħux ikunu ħlief interlokutorji għaliex jiġu neċessarjament inizjati matul l-andament tal-kawża, iħallu għal kollox miftuh id-dibattitu fil-mertu tar-rikors, ma hux ta' natura definittiva, u neċessarjament jippresta ruħu li jiġi mibdul mill-Qorti[1].

22. B'dankollu, peress li ġie stabbilit li d-digriet in kwistjoni ingħata fi skont l-Artikolu 4(2) isegwi li kif dispost fis-subartikolu (4) tal-istess artikolu l-parti interessata fl-istess proċediment għandha dritt ta' appell quddiem din il-Qorti. In vista tal-fatt li l-Kostituzzjoni tipprovdi li l-appell f'dan il-każ huwa dritt tal-parti dan ma jistax ikun suġġett għall-permess tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk dak provdut fl-Artikolu 4(4) tal-Kostituzzjoni jipprevali fuq dak dispost fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12.

23. Il-preġudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Ġenerali li l-appell huwa irritwali u null qiegħda għalhekk tiġi respinta u d-digriet tal-ewwel Qorti li bih ċaħdet it-talba tal-appellant biex jappella ser jiġi mħassar.

24. Issa ser jiġi konsidrat l-appell mid-digriet tal-ewwel Qorti li bih ċahdet it-talba tal-appellant għal "rimedju temporanju" billi jitqiegħed bil-liberta` proviżorja taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa l-ewwel Qorti.

25. Apparti diversi konsiderazzjonijiet li jinċidu fuq il-mertu tar-rikors tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, speċifikatament dwar iċ-ċaħda tal-ewwel Qorti tat-talba tiegħu għal "rimedju temporanju" l-appellant jilmenta li "ċ-

---

[1] Ara Q. App. Ċiv., Emanuel Abela v. Perit Arkitett Fred Valentino et., 4/12/1998; Q. App. Ċiv., Alfred Piscopo v. Direttur tas-Servizzi Soċjali, 4/5/1992, Vol. LXXVI.ii.252).

ċaħda għar-rimedju proviżorju hija gravi għaliex bid-dewmien taz-żmien kwalunkwe dritt illi għandu l-esponenti illi għallinqas iħallas biss ta' dak li għamel u mhux ta' erba' darbiet dik il-mieta, huwa urġenti. Rimedju mogħti tardivament huwa inutli."

26. Qabel kollox din il-Qorti tirrileva s-segwenti:
1. ir-rikors promotorju tal-ġudizzju ġie preżentat fil-5 ta' Diċembru 2012;

2. fis-6 ta' Diċembru 2012 l-ewwel Qorti appuntatu għas-smigħ ghat-12 ta' Diċembru 2012;

3. ir-rikorrent appellant ġie notifikat bid-data tas-smigħ fis-7 ta' Diċembru 2012;

4. fid-data tas-seduta tat-12 ta' Diċembru 2012 l-avukat tal-appellant ma deherx għaliex kien msiefer u s-seduta ġiet differita għall-15 ta' Jannar 2013;

5. fid-data tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2013 dehru r-rikorrent assistit mill-avukat tiegħu u l-avukat tal-Avukat Ġenerali iżda ma ġew prodotti ebda provi u l-kawża ġiet differita għat-13 ta' Marzu għall-provi tal-appellant;

6. fl-1 ta' Frar 2013 l-appellant ppreżenta t-talba tiegħu lill-ewwel Qorti għal "rimedju temporanju". L-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni jinkorporaw aspett speċifiku tad-dritt għal smigħ xieraq garantit bl-Artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni li jrid jitqies fi kwalunkwe apprezzament ta' kemm kienu xierqa l-proċedimenti u għalhekk l-ilment tar-rikorrent appellant jiġi eżaminat mill-perspettiva ta' dawn l-artikoli meħudin flimkien.

27. Mill-premess ma jidhirx li r-rikorrent ħabrek wisq sabiex jottjeni rimedju tempestivament għalkemm issa jilmenta li "Rimedju mogħti tardivament huwa inutli".

28. Inoltre, l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 jipprovdi li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikolu f'kull każ fejn tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta'

rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.

29. Tenut kont li ġie stabbilit li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kunsidrata proprju taħt l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 isegwi li l-proviso tal-istess subartikolu japplika wkoll għal dik it-talba.

30. Ma jirriżultax li r-rikorrent appellant intavola xi appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li minnhom jilmenta u konsegwenzjalment ma saret ebda talba da parti tiegħu għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-istess sentenzi kif kien intitolat jagħmel skont id-dispożizzjonijet relevanti tal-Kodiċi Kriminali. Li kieku r-rikorrent għamel użu mir-rimedji ordinarji msemmija kien jottjeni l-istess rimedju u l-istess riżultat identiku li talab mingħand l-ewwel Qorti. Minflok, dawk l-istess sentenzi tħallew mill-appellant jgħaddu in ġudikat u jsiru definittivi.

31. Għalhekk meta l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal rimedju temporanju kienet qed tagħmel użu mis-setgħa li jagħtiha l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u in vista ta' dak premess din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjentement gravi sabiex tiddisturba dik id-diskrezzjoni kif eżerċitata mill-ewwel Qorti, li anzi din il-Qorti pjenament tikkondividi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell in kwantu għad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Marzu 2013 li biha ċaħdet it-talba tar-rikorrent appellant sabiex jappella quddiem din il-Qorti u għaldaqstant tħassarha u tiċħad l-appell għall-kumplament u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Marzu 2013 li biha ċaħdet it-talba tar-rikorrent appellant għal rimedju temporanju.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza konnessi ma' dan l-inċident jibqgħu riservati għall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------